# QUDDIEM ID-DAR FEJN TWIELED DUN KARM*

*Ta' ĠUŻE' CARDONA*

Hawn twieled u għex għal snin, l-Għannej ta' Malta,
U tnisslu u kotru l-ewwel xrar ta' mħabba
Għal Alla, għall-Madonna, għall-Qlubija
Ta' dawk li mietu biex ħallew bla mtabba'

Il-Ġieh ta' Malta. Wara, l-ġmiel ta' Lsienna
Għaraf u roqom b'sengħa barranija,
Għax mn'ommu tgħallmu, hawn, ħlejju, setgħani
U xandru ma' l-irjieħ fi vrus qawwija.

Hawn, xieraq niġu lkoll, Maltin bil-qtajja'
Biex inqimuk, Missier, għaliex minn fqira,
Il-Poeżija għanejt, u għamiltha kbira.

U bħalma qiemu 'l Dante għaliex refa'
Bl-ilsien Taljan lil ġensu w għamlu kburi,
Imissu l-Malti lejk dil-qima juri!
16 ta' Settembru, 1965.

* Dawn il-versi nkitbu meta ħsibna biex inwaħħlu rħama mad-dar fejn twieled Dun Karm, il-POETA NAZZJONALI.